# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.7

## Kap 4: Ħarsu ftit 'l hemm

## Lezzjoni 4.7: Ma nitkabbrux

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu li ħadd m'għandu jitkabbar b'li għandu.
2. Jiftakru fil-mument tal-lezzjoni min qed ibati fid-dinja.
3. Jagħrfu kemm hi kerha l-gwerra.
4. Jifhmu l-bżonn tal-għajnuna lil dawn in-nies.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint : Min jiftaħar jaqa' l-baħar
- Year 4 4.7 worksheet
- John Lennon : Happy Xmas ( War is Over)

https://www.youtube.com/watch?v=mlgLI7BYIR8

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Uri *slide 1* tal-powerpoint u staqsi x'jifhmu b'dik l-idjoma.
- Ħalli lit-tfal jiddiskutu u ara x'tgħidilhom sentenza bħal din.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)




1. Asal għal punt li ħadd m'għandu jitkabbar u jqis lilu nnifsu aħjar minn ħaddieħor għax kulħadd jista' jiġrilu bħal kulħadd.

2. Spjega kif Ġesù għalhekk twieled fil-faqar - biex kulħadd ikun jistà jagħżel għalih waħda minn dawn is-sentenzi: Ġesù twieled bħali – Jien twelidt aħjar minn Ġesù - minn slide 2.

3. Uri slide 3. Spjega li kull min qiegħed f'dawn is-sitwazzjonijiet ta' tbatija jista' jgħid: "Iva, Ġesù li kien Alla, kellu t-tbatijiet bħalma għandi jien." Ara liema huma t-tbatijiet tan-nies li hemm fi slide 3 - Refuġjati – gwerer – ġuħ – bla dar.

4. Uri slide 4 u staqsi: X'differenza tgħaddi bejnna u bejnhom? Aħna għandna kollox u huma xejn. Enfasizza l-importanza li m'għandniex nitkabbru b'dak li għandna imma bħala aħwa rridu naħsbu f'xulxin u nqisu lil dawn bħala ħutna.

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.7 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jiddiskutu Attività 1 u jgħaqqdu s-sentenzi. Iridu jiġu hekk:
   1: Oqgħod kwiet u ftakar fija. 2: Ħobb lill-foqra.
   3: Irrispetta lil min jieħu ħsiebek. 4: Tkunx supperva.
   5: Jien ġejt għal kulħadd.

6. Stieden lit-tfal jiddiskutu Attività 2 u stidinhom kif wieħed għandujwarrab is-suppervja u jgħin bil-qalb.

7. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar il-kruha tal-gwerra.

8. Semma' s-song: War is over, u ddiskutiha mat-tfal bħala konsolidazzjoni tal-ħsibijiet li tkunu qsamtu flimkien fil-lezzjoni.

9. Agħlaq billi t-tfal jagħmlu t-talbiet tagħhom.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Mhux in-nies tad-dinja kollha jiċċelebraw Milied hieni.

2. Il-gwerra hija kerha ħafna għax ikun hemm ħafna mibegħda.



3. Il-mibegħda ġġib it-tbatija ta' kull xorta.

4. Min jitkabbar ma jkunx ma' Ġesù għax Ġesù ċċekken kemm felaħ biex jurina kif għandna ngħixu.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru rispett lil dawk kollha li huma refuġjati f'pajjiżna. It-tfal juru li għalkemm huma żgħar, huma lesti li jgħinu lil dawn il-persuni, għaliex, dawn, barra li huma bnedmin bħalna telqu minn pajjiżhom ħafna minnhom minħabba l-gwerra.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

John Lennon : Happy Xmas ( War is Over)



https://www.youtube.com/watch?v=mlgLI7BYIR8

## Nitolbu

Bambin Ġesù, ħenn għal dawk il-familji li ma jistgħux igawdu l-Milied bħalna minħabba l-gwerer, il-ġuħ u l-faqar.